


L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) hija korp ġdid tal-Unjoni Ewropea b'enfasi fuq il-mobilità transfruntiera tal-forza tax-xogħol. L-għan tagħha huwa li tappoġġja l-mobilità ġusta tal-ħaddiema fi ħdan l-UE, u tippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji jisfruttaw l-oportunitajiet li joffri s-suq uniku.



Awtorità Ewropea tax-Xogħol

 Europe Direct: 00 800 6 7 8 9 10 11

 EMPL-ELA-info@ec.europa.eu

ela.europa.eu
#EULabourAuthority

Print ISBN 978-92-95218-38-3 doi: 10.2883/49200 HP-01-19-724-MT-C

PDF ISBN 978-92-95218-20-8 doi: 10.2883/073 HP-01-19-724-MT-N

© Awtorità Ewropea tax-Xogħol, tal-2019

Ikoni © Shutterstock



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea



ELA
AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL



L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol

Għalfejn l-UE stabbiliet Awtorità Ewropea tax-Xogħol?

Fl-Ewropa, il-mobilità tal-forza tax-xogħol hija fenomenu dejjem jikber li jinvolvi aktar minn 17-il miljun ċittadin li jgħixu jew jaħdmu f'pajjiż ieħor tal-UE – id-doppju ta' għaxar snin ilu.

L-UE tistabbilixxi regoli dwar id-drittijiet u l-obbligi relatati mal-mobilità transfruntiera. L-awtoritajiet nazzjonali huma responsabbli għall-infurzar ta' dawn ir-regoli, iżda dan jeħtieġ kooperazzjoni amministrattiva b'saħħitha bejn il-fruntieri. Iċ-ċittadini u l-impjegaturi jeħtieġ ukoll li jkunju jafu minn fejn isibu l-informazzjoni t-tajba. Huwa hawnhekk fejn tidħol l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

L-Awtorità għandha l-għan li:



Tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni u s-servizzi, u tiżgura li ċ-ċittadini u l-impjegaturi jifhmu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom.



Iżżid u ttejjeb il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE.



Tevita u tindirizza l-frodi u l-abbuż.



X'tagħmel l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol?

Xogħol l-Awtorità jiffoka fuq l-oqsma li ġejjin

Moviment liberu tal-ħaddiema

Koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali

Kollokament tal-ħaddiema

Xogħol mhux iddikjarat

Din tkopri wkoll il-leġiżlazzjoni soċjali fis-settur internazzjonali tat-trasport bit-triq.

Fi ħdan dawn iż-żoni, l-Awtorità:

- tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni u s-servizzi — dan jinkludi l-koordinazzjoni tal-EURES;
- ittejjeb il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE;
- tikkoordina l-ispezzjonijiet miftiehma u konġunti;
- twettaq analiżi u valutazzjoni tar-riskju;
- tappoġġja lill-pajjiżi tal-UE fit-tiżi tal-kapaċitajiet;
- tappoġġja lill-pajjiżi tal-UE fl-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat;
- hija medjatur bejn il-pajjiżi tal-UE sabiex jissolva t-tilwim transfruntier.

Baġit annwali stmat:

EUR 50 miljun

Persunal: madwar 140 membru tal-persunal, inklużi l-Uffiċjali Nazzjonali ta' Kollegament sekondati mill-pajjiżi tal-UE għat-tħaffif tal-kooperazzjoni diretta bejn l-istituzzjonijiet



Kif taħdem l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol?

L-istruttura organizzazzjonali tal-Awtorità hija din:

Bord tat-Tmexxija:

Imexxi l-Awtorità

Membri:

- Wieħed minn kull pajjiż tal-UE
- Tnejn mill-Kummissjoni Ewropea
- Espert indipendenti wieħed maħtur mill-Parlament Ewropew
- Erbġħa li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet ta' sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni

Osservaturi:

- Rappreżentanti ta' pajjiżi mhux tal-UE li japplikaw id-dritt tal-Unjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Awtorità
- Rappreżentanti ta' aġenziji oħra tal-UE li huma attivi fl-impjeg u l-affarijiet soċjali

Direttur Eżekuttiv:

Rappreżentant legali tal-Awtorità, responsabbli mill-ġestjoni tagħha

Grupp ta' Partijiet Ikkonċernati:

Jagħti parir lill-Awtorità

Membri:

- Tnejn jirrappreżentaw lill-Kummissjoni
- 10 jirrappreżentaw lis-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni